**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA'  LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU DISGĦA U ERBGĦIN** **14 ta ĠUNJU, 2023**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-kunsilliera s-Sinjura Marisa D'Amato, Dr Tiffany Ann Attard,  s-Sur  Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur  Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **49.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 49.1.1 | | Ma kien hemm l-ebda ittri ta' appoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| **49.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 49.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tat-tminja u erbgħin -il seduta. |
| | | |
| ***49.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 49.3.1 | | Is-Sindku qalet li l-attivitajiet li kellu l-Kunsill, fl-okkażjoni ta' Jum iż-Żurrieq u Festa Ħut, irnexxew u irringrazzjat lil kull min ipparteċipam u għin. |
| | | |
| 49.3.2 | | Is-Sindku qalet:<br>• Re bankina ta' Triq l-Imqabba – kellha diversi laqgħat biex tiġi eliminata u issir oħra aktar 'l ġewwa.  TM ma aċċettatx u ser ikomplu jsiru aktar taħdidiet. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Re Xogħol wieqaf ta' Triq il-Karmnu – kellha diversi laqgħat u illum kienet infurmata li ser jitkompla x-xogħol fi żmien qasir<br>• Re Ħajt fi Vjal il-Blue Grotto – ser jitkompla fi ftit jiem oħra u jitlesta qabel l-ewwel festa. |
| | | |
| 49.3.3 | | Is-Sindku qalet li resident minn Triq Alessandru qed titlob żewġ poles minħabba li qed jitilgħu l-vetturi fuq il-bankina ta' quddiem id-dar tagħha. Kien hemm qbil fuq dan wara li tintalab l-approvazzjoni ta' TM.<br>Kien hemm qbil ukoll li issir U bar fi Triq Sant Andrija minħabba li kienet inqalgħet minn xi ħadd. |
| | | |
| 49.3.4 | | Is-Sindku tkellment fuq il-proġett ta' Misraħ Repubblika.<br>• Re l-ittra li bagħtu ż-żewġ soċjetajiet flimkien, fuq il-Proġett ta' Misraħ Repubblika, s-Sindku ssuġġeriet li minflok dak li ssuġġerixxa l-perit isir pavimentar bil-pots biss, li jkunu jistgħu jitneħħew faċilment u mhux strutturi kbar li jkun dffiċli għall-Kunsill biex iċaqlaqhom għal post ieħor, meta tkun trid tintuża l-pjazza. Barra minn hekk issuġġeriet biex ma jsirx pavimentar li bejnietu jitla l-ħaxix selvaġġ, għax ma tħossx li dak it-tip ta' materjal hu xieraq għal ġol misraħ. Issuġġeriet li jiġi iklużtender ġdid ta' Quality surveyor, biex jiġi janalizza kuljum, il-materjal li jkun qed jitpoġġa biex isir xogħol tajjeb u mhux kif sar f'ċertu lokalita, fejn nizlitilhom il-pjazza, bil-vetturi li jgħaddu minn fuqha. Kien hemm qbil li dan kollu u li jiġi mitkellem mal-Perit tal-Kunsill biex jinbeda l-proġett kemm jista jkun malajr. |
| | | |
| ***49.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 49.4.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal hemm bżonn ta' :<br>• qtugħ ta ħaxix fi Triq il-Barrieri,<br>• inqalet mera u siġra fi Ġnien l-Ewropa biex terġa titwaħħal<br>• Prosit tal-qtugħ tas-siġar fi Triq Dun Ġużepp Zammit |
| | | |
| 49.4.2 | | Il-Kunsillier Kaydem qal:<br>• Pole minn ta' Vjal ix-Xarolla tkisser<br>• Bozoz li qed jinbidlu jsiru bojod minflok sofor – mhux sbieħ għaċ-ċentru tar-raħal<br>• Bicycle rack ta' Triq P P Saydon maqlugħa u pole tal-muturi imkisser.<br>• Qed jgħaddu ħafna trakkijiet minn Triq il-barrieri biex isibu alternattiva oħra.<br>• Qal prosit tal-organizzazjoni li saret f'Jum iż-Żurrieq u festa ħut<br>• Jixtieq li regolament minn ta' Ġieħ iż-Żurrieq jinbidlu - fosthom li dan il-premju jista jingħata lil nies anke iżgħar minn 16 -il sena.<br>• Wara li l-bandiera inbiddlulha l-kuluri tagħha, hemm Wied iż-Żurrieq u jeħtieġ li nibdew nitkellmu biex nieħduh u nirranġaw ukoll il-konfini ma' Ħal Safi. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 49.4.3 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Attard tkellmet fuq l-iżvilupp fuq l-inħawi ta' Bubaqra/Nigret. Infurmat li hemm art tal-gvern bejn Triq l-Iskulturi Fabri u Triq il-Wardija li s'issa għadha mhix mittifsa u ssuġġeriet li l-Kunsill jitlob lill-Gvern biex tkun devoluta lill-Kunsill, biex tibqa open space li tintuża għall-pubbliku kollu. Kien hemm qbil unanimu fuq dan. |
| | | |
| | | |
| 49.4.4 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li :<br>• min jiġi nominat għal Ġieħ iż-Żurrieq ma jistax jieħu l-premju Ċittadin Ewlieni. Kien hemm qbil li din id-diskussjoni tittella f'seduta oħra.<br>• Triq San Martin k/m Triq Vincenzo Caruana hemm art pubblika u t-triq meħudha b'xibka u ħajt. Kien hemm qbil li tintalab l-għajnuna lill-PA u l-enforecement.<br>• Festa Ħut u Jum iż-Żurrieq - ritratti ma telgħux fuq fb tal-Kunsill imma telgħu biss fuq il-paġna tas-Sindku. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill ikollu persuna apposta biex jieħu ħsieb il-fb. Kien hemm qbil li tali ritratti jitellgħu fuq fb tal-kunsill l-għada stess li l-kunsill ikollu tali ritratti. |
| | | |
| 49.4.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal:<br>• tindif fit-toroq id-dojoq mhux qed isir, speċjalment fi Triq il-Karmnu, Triq iċ-Ċombini. Hu qal li bis-servizz tal-cleansing department, il-Kunsill mar agħar milli kien. Indika li hemm tazza fejn is-salib ta' Triq il-Kbira ilha xhur hemm, jiġifieri li xogħol ma sarx. Kennies jiknes, ipejjep u jarmi l-filter hu stess u ma ġabrux. Ħaxix fi Triq il-Barrieri tela m'għola bniedem. Hu talab li jagħti ċans sa seduta oħra u jekk il-każ jibqa l-istess, tintalab laqgħa mad-Direttur Ġenerali tal-Cleansing Department.<br>• Fi Triq Fra Gammari Zammit hemm bżonn bozoz ġodda.<br>• Hemm bżonn li ssir mera mal-ġnien ta' Triq l-Ewropa. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Jibda jinqata l-ħaxix minn Triq Ħal Far u Triq il-Qrendi. |
| | | |
| | | |
| 49.4.4 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal:<br>• parking fi Triq Sant Agatha riservat jeħtieġ li jitneħħa għax ir-resident telaq<br>• biex mera tiġi rranġata li tinsab quddiem Is-Sultan fi Triq Ħal Far.<br>• Staqsa meta ser isiru l-handsets li kienu ordnati - Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li x-xogħol ordnat u ġiet imwiegħda li ser isir fil-ġimgħa li ġejja.<br>• Fi Triq it-Torri k/m Triq Fra Luka Zurki hemm periklu - Kien hemm qbil li issir laqgħa oħra ma TM fuq dan il-każ<br>• Is-CCTV ta' Misraħ Repubblika mhux taħdem għax spiss ikun hemm kontravenzjonijet. Kien hemm qbil li tinxtara cctv oħra biex turi kemm għal Triq San Mikiel u kemm għal Triq il-Kbira. |
| | | |
| 49.4.5 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa fuq Triq il-Karmnu. Is-Sindku infurmat li x-xogħol ser jitkompla għada. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 49.4.6 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal:<br>• Persuna minn Triq Santa Katarina għandha bżonn għandha bżonn parkeġġ riservat minħabba li din ilha ordnata minn Marzu u CRPD għadhom ma għamluhix. Kien hemm qbil li issir.<br>• Triq Kalang Bugeja k/m Triq it-Tin issir stop marking. Kien hemm qbil.<br>• Triq tal-Ħniena jeħtieġ li jitnaddaf. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li twaħħlu tabelli mal-vetturi u ser jitneħħew wara li jgħaddu l-10 t'ijiem.<br>• Biex issir U bar fi Triq il-Kbira fejn tal-pastizzi għax il-bankina kollha tkissret bil-vetturi li jitilgħu fuq il-bankina. Kien hemm qbil li l-awtoritajiet ikunu mgħarrfa biex jiġi imħarrek il-halker tal-ħaxix li jkun ipparkjat illegalment fuq un/ loading bay fi Triq il-Kbira.<br>• Jeħtieġ li tinżabar siġra kbira li tinsab 'l barra minn residenza fi Triq iċ-Ċombini, minħabba li tinsab perikoluża u tagħmel ħsara lill-vari tal-festa li jgħaddu mit-triq. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Siġra kbira mgħawġa jeħtieġ li titneħħa minn quddiem l-iskola. Kien hemm qbil li tintbgħat talba lill-ERA.<br>• Fakkar li fit-28 ta' Ġunju ser issir l-attivita ta' logħob tal-ilma għat-tfal f'Misraħ Repubblika.<br>• Fl-aħħar tas-sajf qed jippjana li jsir Foam Party fil-Ġnien tal-Ġibjun. Kien hemm qbil.<br>• Jkun hemm attivita oħra tal-vetturi antiki f'Ottubru.<br>• |
| | | |
| ***49.5*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| **49.5.1** | | **Reply to the Management Letter** |
| | | |
| 49.5.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-risposta tal-management letter u l-financial statement. Dan ġie approvat biex jintbagħat. ***Dok 1 u 2 mehmuż***. |
| | | |
| | | |
| ***49.6*** | | ***Proposta Green Open Space Żona Nigret*** |
| | | |
| 49.6.1 | | Il-Kunsill ħa fondi għal-Misraħ il-karmelitani. Il-Perit infurmat biex jinbeda l-proċess ta' tendering. |
| | | |
| 49.6.2 | | F'dan il-punt tneħħa s-sound tas-seduta minħabba li ser ikun hawn resident preżenti. |
| | | |
| ***49.7*** | | ***PA1440/23 – Take Away Triq it-Taħħan ( kien preżenti l-konsulent tal-Kunsill Lokali u sid, min ser jieħu ħsieb is-sit u l-perit tas-sit)*** |
| | | |
| 49.7.1 | | Il-Konsulent qal li l-permess joħroġ fuq il-post u mhux fuq il-persuna. Il-Kunsill għamel l-oġġezzjoni tiegħu diġa. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-persuni preżenti ddeskrivew il-permess mitlub. Il-perit qal li qiegħed jitlob permess ta' Class 4C, minħabba li min ser ikun fil-ħanut ser jagħmel juices dak il-ħin stess u xi salads minn ħaxix frisk li jkollu fl-istess ħanut.<br><br>Il-Konsulent qal li jekk il-bord tal-PA ma joġġezzjonax għal dan il-każ, il-kunsill mhux ser joġġezzjona. Class 4C ma tingħatax b' kundizzjonijiet, imma Class 4B tista, imma jekk il-bord tal-PA, f'dan il-każ jista jagħmliha b'kunizzjonijiet, il-Kunsill ser jaqbel. Fil-pjan lokali Class 4C mhux aċċettat għax din hi akwata residenzjali. Din hi l-liġi u ma tistax tbiddilha.<br>Il-Kunsill kellu problemi ma' sidien oħra li wara li għamel ċertu regolamenti, s-sit inbiegħ u r-regolamenti li kien għamel il-Kunsill mal-ewwel sit ma baqgħux aċċettabli.<br>Il-konsulent talab lill-perit biex jgħati eżatt dak li jkun ser jagħmel min ser juża s-sit u jekk il-Kunsill jintalab mil-bord biex jitkellem, ikun jista jgħid dak li hawn qbil bħalissa. |
| | | |
| ***49.8*** | | ***PC61/22 – Kien preżenti il-konsulent tal-Kunsill u l-perit tal-proġett.*** |
| | | |
| 49.8.1 | | L-art li qed tiġi proposta qedgħa fil-local plan u mhux fir-rationalisation plan. Din l-art ilha mis-snin 60 lesta għall-iżvilupp u mhux issa. Meta sar il-pjan lokali, saru ċertu regolamenti u l-kunsill approfita biex jieħu xi ħaġa mingħand il-privat.<br><br>F'din il-laqgħa ġie determinat fejn ġejjin it-toroq, fejn ġej l-ispazju miftuħ u fejn ser isir il-bini. Din l-art hi f'development zone u m'għandix x'taqsam ma postijiet oħra li l-pubbliku taż-Żurrieq qed jiddiskuti fuq il-medja soċjali.<br>Bħalissa qed isiru ilmenti li qed jitħaffer il-post mingħajr permessi. Dan qed isir minħabba li ġie mitlub minn Heritage biex titneħħa l-ħamrija minħabba l-arkeoloġija tas-sit. L-affarijiet qed siru kif suppost u mhux kif qed jintqal fuq il-media soċjali.<br>Is-sidien m'humiex obbligati li jgħatu parti mis-sit lill-Kunsill imma dan ser jagħmluh buona volonta tagħhom u fuq insistenza qawwija tas-Sindku Rita Grima.<br><br>Il-policy tgħid li parti minn l-art trid tinqasam f'persentaġġ spazju miftuħ, f'persentaġġ residenzjali u f'persentaġġ art għal komunita. Dan kollu qed jiġi inkluż kif suppost. Din l-art fiha 8 tomniet f'art miftuħa u 25% community facility. Il-bini ser isir 4+1 skont il-liġi. F'din is-sit ser issir art għal post ta' dar għall-anzjani. |
| | | |
| | | F'dan il-ħin ħareġ mis-seduta l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia 21:00. |
| | | |
| ***49.9*** | | ***Proġett ta' tisbieħ f'Misraħ ir-Repubblika*** |
| | | |
| 49.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan l-item tqajjem f'wieħed mill-punti li saru mill-komunikat tas-Sindku. |
| | | |
| | | ***F'dan il-punt kien hemm qbil unanimu li s-seduta titkompla sabiex jiġu eżawriti l-punti kollha fuq l-aġenda.*** |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| **49.10** | | **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| ***49.11*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 49.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br>• Talba minn residenti biex Triq Sant Andrija sa Triq Hal Far issir *oneway traffic.* Ma kienx hemm qbil.<br>• Talba biex il-Kunsill jitlob sorveljanza kontinwament fl-akwati tal-ħanut Tower Ironmongery minħabba l-inkonvenjenza li qed joħolqu l-klijenti tal-istess ħanut u l-ħaddiema tal-ħanut stess. Kien hemm qbil li l-kunsill jitkellem mal-Community Police u Lesa fuq dan il-każ. |
| | | |
| | | |
| ***49.12*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-<br>ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 49.12.1 | | Ġew approvati il-minuti ta Reġjun Punent laqgħa 18, 19, 20, 21 u Galxlokk laqgħa 138 u 139 u 140. |
| | | |
| ***49.13*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 49.13.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 2** għall-ammont totali ta' €194,333.69<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u mill-Kunsilliera Marisa D'Amato u Kyle Mifsud. |
| | | |
| ***49.14*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 49.14.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-21:55. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 12 ta' Lulju, 2023, fis-6:15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum 12 ta' LULJU, 2023.

IFFIRMAT

Rita Grima
**Sindku**

IFFIRMAT

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**